MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2005

Avviz Numru. 304/2005

**Pacifico Vella (ID 719652(M) u**
**Velprime Poultry Limited (C19824)**

**Vs**

**Anatole Baldacchino**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tal-atturi ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma komplessiva ta' Lm2970.40 jew kwalisiasi somma ohra verjuri li tista tirrizulta u dana kwantu ghal Lm1015 favur l-attur Pacifico Vella di proprio u kwantu ghal Lm1955.40 favur is-socjeta attrici Velprime Poultry Limited rapprezentanti dawn l-istess ammonti bhala valur ta' penalitajiet, nteressi u taxxa addizzjonali li gew mitluba li jhallsu l-istess atturi mill-MFSA u mid-Dipartiment tat-Taxxi Nterni minhabba negligenza esercitata mill-konvenut fl-esekuzzjoni tax-xoghol professjonali tieghu fiz-zmien li kien inkarigat mill-atturi

ikkorrendo dikjarazzjoni opportuna li l-konvenut huwa responsabbli ghal tali spejjes zejda li qed jigu tenuti li jhallsu l-atturi mill-imsemmi Awtoritajiet.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-mandat ta’ sekwestru li gie prezentat ma l-avviz u bl-interessi legali kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tal-atturi sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fit-18 ta' Ottubru 2005 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi kif hawn fuq imsemmija s-somma ta’ Lm2970.40,0 bl-imghax legali mill-24 ta’ Mejju 2005 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-mandat tal-kawtelatorju ta’ sekwestru tal-24 ta’ Mejju 2005, imsemmi fl-istess avviz.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------